

Brussell, 2 ta' Mejju 2023
(OR. en)

8862/23

SOC 280
EMPL 192
SAN 221

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li taħtar membru wieħed tal-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol għall-Irlanda - Adozzjoni

1. Skont l-Artikoli 3 u 4 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003 tat-22 ta' Lulju 2003 li tistabbilixxi Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol¹, il-membri u l-membri supplenti jinħatru mill-Kunsill għal perjodu ta' tliet snin.
2. Permezz tad-Deċiżjoni tiegħu tal-24 ta' Frar 2022², il-Kunsill ħatar membri u membri supplenti tal-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol. Madankollu, ċerti membri u membri supplenti kellhom jinħatru aktar tard.
3. Is-Segretarjat tal-Kunsill irċieva nomina waħda ta' membru għall-Irlanda, tal-Kumitat Konsultattiv imġedded, kif tinsab fl-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill fid-dokument 8861/23³.

¹ ĠU C 218, 13.9.2003, p. 1.

² ĠU C 92, 25.2.2022, p. 1.

³ Test iffinalizzat mill-Ġuristi Lingwisti.

4. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti jista' għaldaqstant jissuġġerixxi li l-Kunsill:
- (a) jadotta d-Deċiżjoni tal-Kunsill li taħtar membru wieħed tal-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol għall-Irlanda bħala punt "A", u
 - (b) jiddeċiedi li jippubblika d-Deċiżjoni, għall-informazzjoni, f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
